

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka motiv wieħed, ibbażat fuq il-fatt li l-Kunsill għamel żbalji manifesti ta' evalwazzjoni meta ddetermina li l-kriterju ta' nomina kien issodisfat. B'mod partikolari, il-Kunsill aċċetta *prima facie*, mingħajr ebda tentattiv ta' verifikasi, asserzjonijiet, allegazzjonijiet u anki opinjonijiet mhux sostanzjati u fil-biċċa l-kbira storiċi minn diversi rapporti tal-media ta' affidabbiltà dubjuża. Il-Kunsill ippreżenta dawn it-talbiet u l-akkużi bħala fatt, minkejja l-ħafna ineżatteżzi u inkonsistenzi identifikati mir-rikorrent fl-observazzjonijiet tiegħu. Il-Kunsill kellu jwettaq iktar investigazzjoni kella jagħmel eżami xieraq tas-suffiċjenza, tal-kredibbiltà, u tal-affidabbiltà tal-materjal li fuqu bbaża ruħu, iżda huwa naqas milli jagħmel dan. B'konsegwenza ta' dan, ma hemm l-ebda bażi fattwali soda biżżejjed għas-sanzjonijiet ta' Awwissu 2022 u għalhekk għandhom jiġu annullati.

(¹) ĠU 2022, L 204 I, p. 4.

(²) ĠU 2022, L 204 I, p. 1.

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Ottubru 2022 – Yanukovych vs Il-Kunsill

(Kawża T-643/22)

(2022/C 451/30)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Viktor Fedorovich Yanukovych (Rostov-on-Don, ir-Russja) (rappreżentant: B. Kennelly, Barrister)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tannulla Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1355 tal-4 ta' Awwissu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (¹) u Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1354 tal-4 ta' Awwissu 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (²), safejn dawn jaapplikaw għar-rikorrent. Ir-rikorrent jitlob ukoll li l-konvenut jiġi kkundannat għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka motiv wieħed, ibbażat fuq il-fatt li l-Kunsill għamel żbalji manifesti ta' evalwazzjoni meta ddetermina li l-kriterju ta' nomina kien issodisfat. B'mod partikolari, il-Kunsill aċċetta *prima facie*, mingħajr ebda tentattiv ta' verifikasi, asserzjonijiet, allegazzjonijiet u anki opinjonijiet mhux sostanzjati u fil-biċċa l-kbira storiċi minn diversi rapporti tal-media ta' affidabbiltà dubjuża. Il-Kunsill ippreżenta dawn it-talbiet u l-akkużi bħala fatt, minkejja l-ħafna ineżatteżzi u inkonsistenzi identifikati mir-rikorrent fl-observazzjonijiet tiegħu. Il-Kunsill kellu jwettaq iktar investigazzjoni kella jagħmel eżami xieraq tas-suffiċjenza, tal-kredibbiltà, u tal-affidabbiltà tal-materjal li fuqu bbaża ruħu, iżda huwa naqas milli jagħmel dan. B'konsegwenza ta' dan, ma hemm l-ebda bażi fattwali soda biżżejjed għas-sanzjonijiet ta' Awwissu 2022 u għalhekk għandhom jiġu annullati.

(¹) ĠU 2022, L 204 I, p. 4.

(²) ĠU 2022, L 204 I, p. 1.